## II.2. DIKJARAZZJONI UNIVERSALI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

... (għad trid tiġi speċifikata l-Istituzzjoni)

1. **filwaqt li jfakkar** li l-umanità u n-natura huma fil-periklu u li, b'mod partikolari, l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, it-telf dejjem jikber tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-artijiet u l-oċeani jikkostitwixxu kemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif ukoll theddida vitali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri,

2. **filwaqt li jinnota li** l-gravità estrema tas-sitwazzjoni, li hija kwistjoni ta' tħassib għall-umanità, timponi li jiġu rikonoxxuti prinċipji ġodda u drittijiet u obbligi ġodda,

3. **filwaqt li jfakkar** l-impenn tiegħu b'rabta mal-prinċipji u d-drittijiet rikonoxxuti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

4. **filwaqt li jfakkar** fid-Dikjarazzjoni ta' Stokkolma tal-1972 dwar l-Ambjent; il-Karta Dinjija ta' New York tal-1982 dwar in-Natura; id-Dikjarazzjoni ta' Rio tal-1992 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp; u r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti "Id-Dikjarazzjoni tal-Millenju" tal-2000 u "Il-Futur li Rridu" tal-2012,

5. **filwaqt li jfakkar** li dan l-istess periklu huwa rikonoxxut mill-atturi tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari n-netwerks tal-persuni, l-organizzazzjonijiet, l-istituzzjonijiet, u l-bliet fil-Karta ta-2000 dwar id-Dinja,

6. **filwaqt li jfakkar li** l-umanità, li tinkludi l-individwi u l-organizzazzjonijiet umani kollha, tinkludi kemm il-ġenerazzjonijiet tal-imgħoddi, kif ukoll dawk tal-preżent u tal-futur, u li l-kontinwità tal-umanità hija bbażata fuq din ir-rabta bejn il-ġenerazzjonijiet,

7. **filwaqt li jafferma mill-ġdid li** l-pjaneta, il-benniena tal-umanità, hija kkaratterizzata mill-interdipendenza u li l-eżistenza u l-ġejjieni tal-umanità ma jistgħux jiġu sseparati mill-ambjent naturali tagħha,

8. **filwaqt li huwa konvint li** d-drittijiet fundamentali tal-persuni u l-obbligu li titħares in-natura huma intrinsikament marbuta ma' xulxin, u filwaqt li huwa konvint mill-importanza essenzjali tal-konservazzjoni tal-istat tajjeb tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tiegħu;

9. **filwaqt li jikkunsidra r-responsabbiltà partikolari tal-ġenerazzjonijiet attwali, b'mod partikolari** tal-Istati li għandhom ir-responsabbiltà primarja f'dan ir-rigward, iżda wkoll tal-persuni, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi, l-impriżi, speċjalment il-kumpaniji multinazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-awtoritajiet lokali u l-individwi,

10. **billi** din ir-responsabbiltà partikolari tikkostitwixxi obbligi fir-rigward tal-umanità, u li dawn l-obbligi, bħal dawn id-drittijiet, għandhom jiġu implimentati permezz ta' mezzi ġusti, demokratiċi, ekoloġiċi u paċifiċi,

11. **billi** r-rikonoxximent tad-dinjità tal-umanità u tal-membri tagħha huwa l-pedament tal-libertà, tal-ġustizzja u tal-paċi fid-dinja,

12. **jipproklama** l-prinċipji, id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin u jadotta din id-dikjarazzjoni:

## I. Il-prinċipji

Artikolu 1:

**Il-prinċipju tar-responsabbiltà, l-ekwità u s-solidarjetà,** kemm fi ħdan kif ukoll bejn il-ġenerazzjonijiet, jitlob li l-familja umana u b'mod partikolari l-Istati jħabirku b'mod komuni u divrenzjat favur il-ħarsien u l-preservazzjoni tal-umanità u l-pjaneta.

Artikolu 2:

**Il-prinċipju tad-dinjità tal-umanità u l-membri tagħha** jimplika li jiġu ssodsfati l-bżonnijiet bażiċi tagħhom kif ukoll li jiġu protetti d-drittijiet intanġibbli tagħhom. Kull ġenerazzjoni tiżgura r-rispett ta' dan il-prinċipju tul iż-żmien.

Artikolu 3:

**Il-prinċipju tal-kontinwità tal-eżistenza tal-umanità** jiżgura s-salvagwardja u l-preservazzjoni tal-umanità u tal-pjaneta, permezz ta' attivitajiet tal-bniedem prudenti u rispettużi lejn in-natura, partikolarment għal dak li hu ħaj, uman u mhux uman, filwaqt li jsir minn kollox biex jiġu evitati l-konsegwenzi serji jew irriversibbli transġenerazzjonali kollha.

Artikolu 4:

**Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' appartenenza għal ġenerazzjoni** jippreserva l-umanità, b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet futuri u jesiġi li l-attivitajiet jew il-miżuri meħuda mill-ġenerazzjonijiet preżenti ma jkollhomx l-effett li jikkawżaw jew jipperpetwaw tnaqqis eċċessiv tar-riżorsi u tal-għażliet għall-ġenerazzjonijiet futuri.

## II. Id-drittijiet tal-umanità

Artikolu 5:

**L-umanità u l-ispeċijiet ħajjin kollha għandhom id-dritt li jgħixu f'ambjent b'saħħtu** u ambjentalment sostenibbli.

Artikolu 6:

**L-umanità għandha d-dritt għal żvilupp responsabbli, ekwu, inkluživ u sostenibbli.**

Artikolu 7:

**L-umanità għandha d-dritt għall-protezzjoni tal-wirt** komuni u tal-wirt naturali u kulturali tagħha, kemm dak materjali kif ukoll intanġibbli.

Artikolu 8:

**L-umanità għandha dritt għall-preservazzjoni tal-beni komuni**, b'mod partikolari tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, u l-aċċess universali u effettiv għar-riżorsi vitali. Il-ġenerazzjonijiet futuri huma intitolati għat-trażmissjoni tagħhom.

Artikolu 9:

**L-umanità għandha d-dritt għall-paċi,** b'mod partikulari għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, u għas-sigurtà umana, mil-lat ambjentali, alimentari, tas-saħħa, ekonomiku u politiku. **Dan id-dritt huwa intiż, b'mod partikolari, biex jipproteġi l-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni mill-pjaga tal-gwerra.**

Artikolu 10:

**L-umanità għandha d-dritt għal-libertà li tagħżel kif tiddetermina d-destin tagħha.** Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat billi, fl-għażliet kollettivi mli jsiru, jiġu kkunsidrati l-bżonnijiet fuq perjodu twil ta' żmien, u b'mod partikolari r-ritmi partikolari tal-umanità u n-natura

## III. L-obbligi fir-rigward tal-umanità

Artikolu 11:

Il-ġenerazzjonijiet preżenti għandhom l-obbligu **li jassiguraw ir-rispett tad-drittijiet** tal-umanità, bħal dak tal-ispeċijiet ħajjin kollha. Ir-rispett tad-drittijiet tal-umanità u tal-bniedem, li huma marbuta b'mod inseparabbli, japplika fir-rigward tal-ġenerazzjonijiet suċċessivi.

Artikolu 12:

Il-ġenerazzjonijiet preżenti, **garanti tar-riżorsi, il-bilanċ ekoloġiku, il-wirt** komuni, u l-wirt naturali, kulturali, materjali u intanġibbli, għandhom id-dmir li jassiguraw li dan il-wirt ikun ippreservat u li jintuża b'mod prudenti, responsabbli u ekwu.

Artikolu 13:

Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-ħajja fid-dinja, il-ġenerazzjonijiet preżenti għandhom id-dmir li jagħmlu l-isforzi kollha biex **jippreservaw l-atmosfera u l-bilanċ klimatiku**, u jimpedixxu kemm jista' jkun **l-ispostament tal-persuni** marbut ma' fatturi ambjentali u, fin-nuqqas ta' dan, jgħinu u jipproteġu n-nies ikkonċernati.

Artikolu 14:

Il-ġenerazzjonijiet preżenti għandhom id-dmir li jmexxu **l-progress xjentifiku u tekniku** fid-direzzjoni tal--preservazzjoni u s-saħħa tal-ispeċi umana u ta' speċijiet oħra. Għal dan l-għan, huma għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw l-aċċess u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi u ġenetiċi li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem, l-għarfien tradizzjonali u ż-żamma tal-bijodiversità.

Artikolu 15:

L-Istati u l-persuni u l-atturi pubbliċi u privati l-oħra għandhom id-dmir li **jinkludu prospettivi fit-tul** u jippromovu żvilupp uman u sostenibbli. Dan, kif ukoll il-prinċipji, id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'din id-dikjarazzjoni għandhom ikunu s-suġġett ta' **azzjonijiet ta' tagħlim, edukazzjoni u implimentazzjoni**.

Artikolu 16:

L-Istati għandhom id-dmir li jiżguraw **l-effettività tal-prinċipji, id-drittijiet u l-obbligi** stabbiliti f'din id-dikjarazzjoni, anke billi jiġu previsti mekkaniżmi li jiżguraw li dawn jiġu rispettati.

_____________